MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 358/2011

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**.

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici pprezentat fis-6 ta' Dicembru 2011 li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-23 ta Marzu 1993 fir-registru pubbliku;

2. Illi l-konvenut irrenda ruhu hati ta' vjolenza mohqrija sevizzji u ingurji gravi fil-konfront tal-attrici u l-minuri

binthom Ca u abbanduna d-dar konjugali li ilu mikri lill-esponenti minn mindu kienet xebba.

3. Illi l-konvenut ilu snin ma jipprovdi manteniment ghall-esponenti jew binthom mill-2005.

4. Illi hemm djun mal-bank HSBC li l-konvenut halla pendenti.

5. Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibbli ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

6. Illi miz-zwieg taghhom il-kontendenti ghandhom wild minuri, Ca.

7. Illi l-konvenut jinsab impjegat.

8. Illi il- medjazzjoni giet dikjarata maghluqa u l-attrici giet awtorizzata tipprocedi b'kawza ghas-separazzjoni personali permezz tad-digriet numru 954/11.

9. Illi l-esponenti giet ammessa ghall-benificcju tal-ghajnuna legali.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali tal-kontendenti minhabba il-hjitijiet;

2. Takkorda l-kura u l-kustodja ta binthom Ca lil-attrici u l-manteniment xieraq skont il-ligi ghaliha u ghal minuri;

3. Tordna l-likwidazzjoni u l-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti;

4. Tordna li l-assi parafernali tal-attrici jirrivertu ghand l-attrici.

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta’ dokumenti tal-attrici.

Il-konvenut ghalkemm notifikat bir-rikors guramentat baqa' ma pprezenta l-ebda risposta.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza .

Ikkunsidrat;

**Provi**.

Rat in-nota guramentata tal-attrici tat-18 ta' Mejju 2012 li permezz taghha iddikjarat li z-zwieg tal-partijiet tkisser minhabba abbandun kommess mill-konvenut fis-sena 2005. Tghid li l-minuri Ca ghalqet tmintax-il sena fit-3 ta' Marzu 2012 pero' l-konvenut kien ilu ma jghaddilha manteniment mis-sena 2005. Iddikjarat li hija ma tahdimx minhabba ragunijiet ta' sahha u kienet tircevi beneficcji socjali fis-somma ta' circa erba' mitt ewro fix-xahar. Tghid li ghalkemm taf li l-konvenut jahdem gewwa l-Black Gold Saloon f'tas-Sliema, pero' ma tafx x'inhu l-introjtu tieghu. Tiddikjara illi hemm dejn tal-komunjoni sew mal-Bank of Valletta p.l.c. kif ukoll mal-HSBC Bank Malta p.l.c.

Fl-affidavit taghha l-attrici tispjega kif il-konvenut kien telaq mid-dar wara tlettax-il sena zwieg.[1] It-tifla kien ghad ghandha hdax-il sena. Tghid li minn dakinhar il-konvenut ma taha l-ebda sostenn finanzjarju u kellha ggor il-piz tat-trobbija tat-tifla wahedha.

Xehdet ukoll Ca B[2], bint il-partijiet, fejn spjegat kemm kienet difficli l-hajja taghha u ta' ommha wara li missierha abbanduna d-dar matrimonjali. Hassitha hafna n-nuqqas ta' mhabba u presenza ta' missier f'hajjitha. Tispjega kif rizultat tal-frustrazzjoni li kellha minhabba s-sitwazzjoni li kienet sabet ruhha fiha hija abbandunat l-istudju nonostante l-isforzi kbar li ghamlet ommha biex tkompli tavvanza fl-edukazzjoni taghha. Spjegat li l-aktar haga li kienet tkiddha kien il-fatt li missierha ma riedx jaf aktar biha tant li meta kienet tiltaqa' mieghu fit-triq kien jibqa' ghaddej qisu ma jafhiex. U meta darba marret fuqu huwa

[1] Fol. 29
[2] Fol. 35

irrabja maghha b'mod goff u heddidha li jekk ser tibqa' tipprova tkellmu kien ser jirrapportaha lill-pulizija. Peress li kienet taf li ommha kienet ghaddejja minn zminijiet difficli biex trabbiha, darba minnhom hadet lill-ommha biex jaffaccjaw lill-konvenut fuq il-problemi li kienu ghaddejjin minnhom u ghaliex kienet konxja tal-fatt li ommha kienet qed tidhol f'dejn biex tkun tista' tlahhaq mal-ispejjez li kellhom. Dak il-hin il-konvenut wieghed lil bintu li kien ser jibda jghaddilha tletin ewro fix-xahar izda dan il-pagament sar darba wahda biss u rega lura bhal ma kien qabel, cioe' ma jkellimhiex u ma jhallasx manteniment.

Dwar iz-zmien li missierha kien ghadu d-dar, Ca B tispjega illi spiss kien ikun hemm glied bejn ommha u missierha fejn il-konvenut kien spiss ikisser l-affarijiet. Tiftakar episodji fejn kienet tqum b'hasda f'nofs ta' lejl bid-dagha u l-kliem hazin tal-konvenut waqt xi argument mal-attrici.

Romuald Attard, rapprezent tal-Bank of Valletta p.l.c. xehed illi hemm kont fuq iz-zewg partijiet rapprezentanti self li fid-29 ta' Novembru 2012 kellu bilanc passiv ta' elfejn, disa' mija u erba' u disghin ewro (€2,994).[3]

Xehdet Maria Cassar Demajo, sid il-fond fejn tirrisjedi l-attrici, li kkonfermat illi l-kera kienet issejjah lill-attrici u kienet tmur lura ghas-sena 1988 meta l-attrici kienet ghadha xebba bil-kunjom Portelli.[4]

Joseph Saliba, rapprezent tal-E.T.C. ipprezenta dokument rigward id-diversi impiegi li l-konvenut kellu mis-sena 1993 'il quddiem. Minn dan id-dokument jirrizulta li mis-sena 2005 'il quddiem il-konvenut kien impjegat kif gej:

Bejn l-1 ta' Jannar 2005 u l-10 ta' Ottubru 2005 :
Port Cottoner Hotel Dev.Co.

Bejn l-1 ta' Marzu 2006 u l-1 ta' Lulju 2008 :
Tex-Mex Co Ltd

[3] Fol. 42
[4] Fol. 44

Mill-1 ta' Jannar 2010 sallum:
B G S Co Ltd

B'hekk jirrizulta illi salv ghall-perijodi bejn Ottubru 2005 u Marzu 2006 u bejn Lulju 2008 u Jannar 2010, il-konvenut dejjem kien registrat li qed jahdem.

John Stivala, direttur tal-kumpanija B G S Co Ltd xehed illi l-konvenut ilu jahdem maghhom mis-sena 2010. Il-kumpanija tmexxi bar and restaurant fix-xatt ta' tas-Sliema. Spjega li l-konvenut l-ewwel beda bhala 'casual worker' imbaghad f'nofs is-sena 2012 beda jahdem 'full time'. Qal li l-paga annwali tal-konvenut hi ta' erbat elef u hames mitt ewro (€4,500) fis-sena. Gew ipprezentati l-FS3's tal-konvenut ghas-sena 2012. Fuq dawn il-formoli l-indirizz tal-konvenut huwa indikat bhala dak fejn tirrisjedi l-attrici.

**Konsiderazzjonijiet**.

**Responsabbilita' ghat-Tkissir taz-Zwieg**.

Mill-provi migjuba il-Qorti hi konvinta illi ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet jahti unikament il-konvenut. Sew mix-xhieda tal-attrici kif ukoll ta' bint il-partijiet li ma gewx kontradetti jirrizulta illi fis-sena 2005 il-konvenut telaq mid-dar matrimonjali u minn dak iz-zmien 'il quddiem ma ta ebda sostenn la lill-martu u lanqas lill-bintu li dak iz-zmien kienet ghadha minorenni tattendi l-iskola. Jirrizulta wkoll illi qabel telaq mid-dar il-hajja matrimonjali kienet karatterizzata minn agir vjolenti da parti tal-konvenut.

Ghalkemm il-konvenut telaq mid-dar matrimonjali fis-sena 2005, l-attrici damet ma fethet il-kawza peress li kienet qed tittama li tasal fi ftehim mal-konvenut dwar separazzjoni bonarja. Meta rat li kien kollu ta' xejn hija kienet kostretta tiftah din il-kawza.

Il-Qorti tosserva illi l-konvenut qatt ma deher f'dawn il-proceduri ghalkemm kien notifikat bil-kawza. Naqas milli

jidher anke meta gie msejjah bhala xhud id-direttur tal-kumpanija li maghha jahdem il-konvenut.

Ghall-fatt li l-Qorti ghandha biss il-verzjoni tal-attrici jahti biss il-konvenut li mhux biss qatt ma deher waqt is-seduti izda lanqas ressaq l-ebda spjegazzjoni ghal dan in-nuqqas. Lanqas meta lejn l-ahhar tal-kawza l-Qorti taghtu l-opportunita' li jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet ma ottempera ruhu.

Ghaldaqstant il-Qorti qed issib lill-konvenut unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn l-attrici u l-konvenut.

**Manteniment lill-attrici u lill-bint il-partijiet.**

L-attrici xehdet illi minn mindu l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali hija kienet kostretta tghix bl-assistenza socjali in kwantu sahhitha ma tippermettiliex li tahdem. Rabbiet lil bintha wahedha b'sagrificji kbar. Ix-xhieda ta' bint il-partijiet tikkonferma kif il-konvenut bl-aktar mod irresponsabbli abbanduna lill-martu u lill-bintu u ma tahom l-ebda sostenn finanzjarju nonostante li kien qieghed jahdem hlief ghall-perijodi qosra li fihom ma kienx registrat mal-ETC li qed jahdem.

Ghalkemm ir-rapprezentant tal-kumpanija li maghha jahdem il-konvenut xehed li s-salarju annwali tal-konvenut huwa ta' erbat elef u hames mitt ewro, u cioe' €350.00 fix-xahar, tali testimonjanza hija manifestament inveritiera in kwantu kontrastata mid-dokumenti FS3 li gew ipprezentati referibbli ghas-sena 2012. Minn dawn id-dokumenti, li l-awtenticita' taghhom hija dubjuza in kwantu huma fotokopji mhux awtentikati u li ma fihom l-ebda firma, jinghad li s-salarju tal-konvenut bejn l-1 ta' Lulju 2012 u l-31 ta' Dicembru 2012 kien ta' €4525.00, filwaqt illi s-salarju tal-konvenut bejn l-1 ta' Jannar 2012 u t-30 ta' Gunju 2012 kien ta' €279.00 ghas-sitt xhur shah. Testimonjanza din li certament ma tistax tittiehed bhala riflessjoni tal-verita'. Huwa indikattiv illi anke biex tela'

jixhed rapprezentant tal-kumpanija li maghha jahdem il-kovnenut kien mehtieg li jinhareg mandat ta' skorta.

Fic-cirkostanzi il-Qorti hija tal-fehma li l-attrici, li kif gia' dikjarat ma kellha l-ebda responsabbilta' ghat-tkissir taz-zwieg taghha mal-konvenut ghandha dritt ghall-manteniment sew ghaliha kif ukoll ghal bintha minuri sakemm din ta' l-ahhar ghalqet tmintax-il sena. Jibqa' l-fatt pero' illi l-attrici fethet dawn il-proceduri fis-6 ta' Dicembru 2011 u ma hadet l-ebda passi qabel sabiex il-konvenut jigi kkundanant ihallas manteniment 'pendente lite'. Lanqas waqt li kienet ghaddejja din il-kawza l-attrici ma resqet talba sabiex tinghata ordni ta' manteniment 'pendente lite' kif kellha kull dritt li taghmel. Ghalhekk il-manteniment li l-konvenut ser jigi kkundannat li jhallas ser imur lura ghas-6 ta' Dicembru 2011 meta infethet din il-kawza. Fit-3 ta' Marzu 2012 bint il-partijiet ghalqet tmintax-il sena. Ghalhekk fir-rigward tal-minuri il-konvenut ser jigi kkundannat li jhallas lill-attrici manteniment ghal dak il-perijodu.

Ghaldaqtant il-Qorti qed tiddeciedi illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri sakemm ghalqet tmintax-il sena is-somma ta' mitt ewro (€100) fix-xahar, ammontanti komplessivament ghas-somma ta' tlett mitt ewro (€300) filwaqt li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha b'effett mis-6 ta' Dicembru 2011 is-somma ta' mitejn ewro (€200) fix-xahar li tizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

**Komunjoni tal-Akkwisti**.

Id-dar matrimonjali kienet mikrija mill-attrici qabel iz-zwieg tal-partijiet u ghalhekk fid-dar li kienet tintuza bhala dar matrimonjali ghandha tibqa' tirrisjedi l-attrici ad eskluzzjoni tal-konvenut.

Assi tal-komunjoni ma rrizultax li kien hemm. Id-dejn li hemm mal-bank irrizulta li jsejjah liz-zewg partijiet. L-attrici ma resqet l-ebda prova fir-rigward tal-origini ta' dan id-dejn u ghalhekk huwa prezunt li dan id-dejn kien sar fl-interess taz-zewg partijiet.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara s-separazzjoni personali tal-partijiet filwaqt li tiddikjara li ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet jahti unikament il-konvenut.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici (i) is-somma globali ta' tlett mitt ewro (€300) rapprezentanti manteniment fir-rigward ta' bint il-minuri qabel ghalqet tmintax-il sena u (ii) fir-rigward tal-attrici is-somma ta' mitejn ewro (€200) fix-xahar b'effett mis-6 ta' Dicembru 2011 liema manteniment jizdied kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja.

3. Tilqa' t-tielet talba attrici u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, u tiddikjara li ma hemmx assi x'jigu divizi.

4. Tilqa' r-raba' talba attrici u tiddikjara li d-drittijiet lokatizji fuq il-fond matrimonjali jsejhu unikament lill-attrici.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------